**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Michael Baldacchino**

**Kaz Numru: 313/2013**

**Illum 1 ta' Lulju, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Baldacchino ta' 44 sena mwieled 20 ta' Novembru 1967, Qormi, bin Joseph u Antonia nee' Spiteri u residenti f'no 168, Chaffinch, Triq il-Helsien, Qormi detentur tal-karta tal-identita' numru ID 462367M :

Talli fis-sena 2011 f'dawn il-gzejjer ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li ddenunzja reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat.

Illi l-imputat kien mizzewweg lil bint il-parte civile Joseph Penza. Mill-atti jirrizulta li l-koppja kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni li evidentement kienu turbolenti. Gara li sehhew ukoll xi argumenti bejn l-imputat u l-parte civile li sahansitra waslu biex il-parte civilie kellu wkoll jiffaccja proceduri fuq rapport jew kwerela tal-imputat odjern.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta s-segwenti:

PS820 Jonathan Vella[1] xehed li proprju fit-18 ta' Frar 2011 kien inghata struzzjonijiet mill-ex spettur Therese Sciberras sabiex jibghat ghal Michael Baldacchino biex jinvestiga l-ilment li kien baghat permezz ta' email. Meta mitkellem, l-imputat qallu li kien qieghed jissepara minn martu li tigi bint Joseph Penza u li dan ta' l-ahhar beda jheddu u kien ghamel rapport l-ghassa, Hal Qormi. Baldacchino qallu li kien jaf li Penza kellu xi armi mhux irregistrati u dan kien qallu Joseph Penza stess. Il-Pulizija cemplu lil Joseph Penza biex imur l-ghassa pero' ma kienx jiflah u ghalhekk tlett pulizija (inkluz ix-xhud) marru fl-appartament tieghu. Huma infurmawh bir-rapport u talbuh il-kunsens tieghu biex iwettqu t-tfittxija fl-appartament. Il-parte civile tahom il-kunsens tieghu u rrizulta li kellu 3 snieter. Meta filghodu saru l-verifiki mal-ufficju pertinenti rrizulta li l-armi misjuba fir-residenza tal-parte civile kienu kollha registrati hekk kif jirrizulta minn Dok AMC. Ma sabu l-ebda arma li ma kinitx registrata. Huma fittxu d-dar kollha u kull fejn tista' tinheba arma.

L-ex-Spettur Therese Sciberras xehdet li hija kienet irceviet rapport minn xi superjur taghha. Dan ir-rapport kien jirrigwarda rapport li kien sar Hal Qormi fejn persuna rrappurtat li missier martu heddu u kien qieghed jibza' peress li diga'kien hemm xi incidenti fil-passat li kellu xi armi llegali u beza' li juzahom kontrih. Hija ghalhekk inkarigat lil PS 820 u qaltlu biex jistaqsi lill-persuna koncernata kellhiex oggezzjoni ghat-tfittxija u jekk kellu jirrapporta lura lilha. PS 820 irrapportalha lura li l-persuna koncernata kien ta l-kunsens tieghu u t-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Kienu ttiehdu zewg stqarrijiet ta' l-imputat u l-parte civile ghalkemm fl-atti ebda stqarrija ma giet prodotta. Eventwalment kienu sar challenge proceedings mis-sur Penza u giet prezentata l-kawza odjerna.

Joseph Penza[2] xehed li l-gurnata qabel ma kienu cemplulu l-pulizija biex ikellmuh, kellu argument ma' l-imputat u t-tifla z-zghira tieghu. L-ghada rcieva telefonata mill-pulizija tal-Qawra u qalulu biex imur l-ghassa biex ikellmuh. Huwa qalilhom li ma kienx jiflah ghax kellu d-deni u staqsewh setghux imorru huma. Fil-fatti marru u nfurmawh li kellhom rapport li fuq it-*top cupboard* kellu pistola u kalumbrina. Nonostante li ma kellhomx mandat

[1] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2013
[2] Seduta tas-7 ta' Ottubru 2013

ta' tfittxija huwa tahom il-kunsens biex ifittxu. L-armi li sabu kienu fil-fatt registrati.

Fit-8 ta' Jannar 2015 il-parte civile Joseph Penza ddikjara li m'ghandux aktar interess fil-proceduri kriminali odjerni.

Michael Baldacchino[3] xehed li darba kienu marru ghand il-parte civile u dan qallu li kien xtara revolver. Dan kien xi sentejn qabel ma beda l-inkwiet mal-mara. Meta huwa u martu sseparaw ighid li l-parte civile gieli heddu u saru anki rapporti. Xehed ukoll li gieli rcieva theddid minn xi Taljani permezz tat-telefon. B'hekk wara li rcieva telefonata minn Taljan huwa ddecieda li jmur jaghmel rapport ghaliex kien jibza' minnu.

Illi referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Loreto Bugeja**[4] fejn il-Qorti rritiniet is-segwenti b'referenza ghall-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali li huwa l-istess artikolu tal-ligi addebitat fil-konfront tal-imputat:

*"Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior pparti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:*

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertainan imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged … (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation.(sottolinjar tal-Qorti)"***

*F'sentenza moghtija mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:*

[3] Seduta tas-27 ta' April 2015
[4] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-23 ta' Settembru 2010

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi fil-kaz odjern m'hemmx dubju li dan mhux il-kaz ta' simulazzjoni reali jew indirecta peress illi minn imkien ma rrizulta li l-imputat kien qieghed jipprova johloq b'mod qarrieqi xi provi foloz. Mhux biss hekk izda l-imputat indika l-persuna fir-rapport tieghu bhala li Joseph Penza kellu armi mhux registrati u ghalhekk l-akkuza mhix legalment sostenibbli fid-dawl tal-fatti kif sehhew.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat